**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**
**vs**
**Jason Micallef**

**Illum 7 ta' April 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Jason Micallef, iben Eddie u Maria neè Micallef, imwieled Pietà fid-29 ta' Ottubru 1994, residenti No. 4 "Jacqueline" Triq l-Empire Stadium, Gzira, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 483194(M) talli fl-4 ta' April 2016 gewwa dawn il-Gzejjer ikkometa serq minn residenza No.42, Triq San Gwann Battista, Sliema, ghad-detriment ta Cliffton Muscat, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur ta' anqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37), bil-persuna, bil-hin u bil-lok. (Artikoli 267, 268, 269, 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta); u aktar talli matul ix-xahar ta' April 2016 u anka ix-xhur ta' qabel naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u cioè mill-Magistrat Dr Marse-Ann Farrugia LL.D., bid-Digriet datat 22 ta' Dicembru 2014 u li permezz tieghu huwa naghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa tas-Sliema kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha u kif ukoll li jirrisjedi gewwa l-fond Jacqueline House , Stadium Str, Gzira ;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fid-Digriet ghall-helsien mill-arrest datat 22 ta Dicembru 2014 jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ghalkemm l-imputat gie akkuzat ukoll bl-akkuza li rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi partikolari hafna ta' dan il-kaz, kienet qed tirtira din l-istess akkuza fil-konfront ta' l-imputat b'dana ghalhekk li l-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni ta' tali akkuza;

Rat illi l-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-ewwel akkuza u ta' l-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu anke wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fl-4 ta' April 2016 gewwa dawn il-Gzejjer ikkometa serq minn residenza No.42, Triq San Gwann Battista, Sliema ghad-detriment ta' Cliffton Muscat liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur ta' anqas minn €2,329.37, bil-persuna, bil-hin u bil-lok u aktar talli matul ix-xahar ta' April 2016 u anke x-xhur ta' qabel naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u cioè mill-Magistrat Dr. Marse-Ann Farrugia LL.D. bid-digriet datat 22 ta' Dicembru 2014 u li permezz tieghu huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa tas-Sliema kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha u kif ukoll li jirrisjedi gewwa l-fond Jacqueline House, Stadium Str, Gzira.

L-imputat ammetta ghal dawn iz-zewg akkuzi hekk dedotti fil-konfront tieghu.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssibu hati ta' l-akkuza ta' serq aggravat bil-valur ta' inqas minn €2,329.37, bil-persuna, bil-hin u bil-lok u ta' l-akkuza tal-ksur tal-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li kkopera mal-Pulizija u li l-oggett misruq gie ritornat lil sidu.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 267, 268(b), 269(g) u 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta' tmien (8) xhur prigunerija izda, fic-cirkostanzi peress illi l-imputat ikkoopera mal-

Pulizija u l-oggett misruq gie rritornat lil sidu, hemm lok li t-terminu ta' prigunerija hawn impost jigi sospiz a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi tissospendi t-terminu ta' tmien (8) xhur prigunerija ghall-perijodu ta' sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed taghmel Ordni ta' Supervizjoni, anness ma' din l-istess sentenza, u b'hekk tqieghed lill-imputat taht is-supervizjoni ta' Ufficjal Sorveljanti ghal perijodu ta' sena (1) mid-data ta' l-Ordni. Kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Supervizjoni moghti llum ghandha tigi notifikata minnufih lill-ufficjal sorveljanti a tenur ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-imsemmi artikolu jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu mal-kondizzjonijiet imposti fuqu fl-Ordni ta' Supervizjoni li qed jinhareg illum.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ittenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza tal-ksur tal-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest u b'hekk tikkundannah ghall-hlas ta' mitt Euro (€100) multa, liema multa ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur mill-llum u dana sabiex l-imputat jkollu l-flus biex ikun jista' jhallas.

Fid-dawl tac-cirkostanzi u billi fil-fehma tal-Qorti ksur tal-kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ghall-helsien mill-arrest datat 22 ta' Dicembru 2014 ma humiex ta' konsegwenza serja, b'applikazzjoni tal-*proviso* ta' l-Artikolu 579(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imsemmi Digriet ghall-helsien mill-arrest tat-22 ta' Dicembru 2014 mhux qed jigi revokat u b'hekk mhux qed jigi ordnat l-arrest mill-gdid ta' l-imputat. Il-Qorti lanqas ma hija qed tordna li s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) imsemmija fid-Digriet ghall-helsien mill-arrest datat 22 ta' Dicembru 2014 tigi kkonfiskata a favur il-Gvern bil-mod previst fl-Artikolu 585 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**